DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Ottubru 2008

dwar l-allokazzjoni lir-Renju Unit ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar fid-diviżjoni VIIe tal-ICES

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 5657)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(2008/794/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/2008 tas-16 ta' Jannar 2008 li jistabbilixxi għall-2008 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid [1], u b'mod partikolari l-punt 9 tal-Anness IIC tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-talbiet magħmula mir-Renju Unit,

Billi:

(1) Il-punt 7 tal-Anness IIC tar-Regolament (KE) Nru 40/2008 jispeċifika l-għadd massimu ta' jiem fuq il-baħar (192) li fihom bastimenti Komunitarji ta' tul kumplessiv massimu ta' 10 metri jew aktar li jkollhom abbord xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' 80 mm jew akbar jew xbieki statiċi, fosthom għeżula, pariti u għeżula tat-tħabbil b'qies il-malji ta' anqas minn 220 mm jistgħu jkunu preżenti fid-diviżjoni VIIe tal-ICES mill-1 ta' Frar 2008 sal-31 ta' Jannar 2009.

(2) Il-punt 9 ta' dak l-Anness jippermetti lill-Kummissjoni talloka għadd addizzjonali ta' jiem fuq il-baħar li fihom bastiment jista' jkun preżenti f'dik iż-żona filwaqt li jkollu abbord xbieki tat-tkarkir bit-travu jew xbieki statiċi, abbażi ta' waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd li jkunu seħħew mill-1 ta' Jannar 2004.

(3) Ir-Renju Unit ressaq dejta li turi li l-bastimenti, li jkunu waqfu mill-attivitajiet mill-1 ta' Jannar 2004, minbarra dawk li diġà tqiesu fi snin preċedenti, naqqsu l-isforz tas-sajd tagħhom bi 3,36 % meta mqabbel ma' dak tas-sena 2003, meħuda bħala perjodu ta' referenza għal bastimenti preżenti fiż-żona u li kellhom abbord xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' 80 mm jew akbar.

(4) Fid-dawl tad-dejta mressqa u bl-applikazzjoni tal-metodu previst taħt il-punt 9.1, sitt ijiem addizzjonali fuq il-baħar għandhom jiġu allokati lir-Renju Unit għall-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2008 u l-31 ta' Jannar 2009 għal bastimenti li jkollhom abbord xbieki tat-tkarkir bit-travu bħal dawn.

(5) Għal raġunijiet ta' ċarezza din id-deċiżjoni tirrifletti l-ammont totali ta' jiem addizzjonali allokati lir-Renju Unit u fiha jitqiesu t-tnejn u għoxrin jum addizzjonali fuq il-baħar li qabel kienu allokati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/461/KE [2] u 2007/487/KE [3] tas-6 ta' Lulju 2007 dwar l-allokazzjoni lir-Renju Unit ta' jiem addizzjonali ta' sajd fid-diviżjoni VIIe tal-ICES peress li dawn il-jiem addizzjonali jibqgħu allokati fl-2008.

(6) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għadd massimu ta' jiem, jiġifieri 192 jum, li bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tar-Renju Unit u li jkollu abbord xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' 80 mm jew aktar jista' jkun preżenti fid-diviżjoni VIIe tal-ICES, kif stipulat fit-tabella I tal-Anness IIC tar-Regolament (KE) Nru 40/2008 għandu jiżdied bi 28 jum fis-sena. In-numru 192 għalhekk għandu jiġi emendat għal 220.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmula fi Brussell, 9 ta' Ottubru 2008.

Għall-Kummissjoni

Joe BORG

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 19, 23.1.2008, p. 1

[2] ĠU L 180, 4.7.2006, p. 25.

[3] ĠU L 182, 12.7.2007, p. 33